

31996R0040

L 10/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.1.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 40/96**tat-12 ta' Jannar 1996**

li jaġġorna u li jemenda r-regolamenti fis-setturi tal-laħam tan-nhaġ u l-laħam tal-mogħoż li jiffissa qabel l-1 ta' Frar 1995 ċerti prezzijiet u ammonti li għandhom il-valuri f'ECU li ġew aġġustati minħabba fit-tneħħija tal-fattur korrettiv fil-konverżjoni ta' l-agrikoltura

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità ta' kont u t-talbiet ta' konverżjoni kbar li għandhom ikunu applikati għall-għanijiet tal-politika ta' agrikoltura komuni⁽¹⁾, kif emendat ta' l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 150/95⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) ta' dan,

Billi b'effett mill-1 ta' Frar 1995, l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92 jibdel il-valur f'ECU ta' ċerti prezzijiet u ammonti sabiex jinnewtralizza l-effetti tat-tneħħija tal-fattur korrettiv ta' 1,207509 li sal-31 ta' Jannar 1995 affettwa r-rati ta' konverżjoni wżati għall-agrikoltura;

Billi l-valuri l-ġodda f'ECU tal-prezzijiet u l-ammonti kkonċernati ġew imwaqqfa mill-1 ta' Frar 1995 skond ir-regoli preskritti fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92 u l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 fuq ir-regoli dettaljati biex ikunu stabbiliti u applikati r-rati ta' konverżjoni għall-agrikoltura⁽³⁾, kif emendati bir-Regolament (KE) Nru 2853/95⁽⁴⁾;

Billi, skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93, sabiex tkun evitata l-konfużjoni u biex tkun faċilitata l-applikazzjoni tal-politikata' agrikoltura komuni, huwa meħtieġ li jinbidlu l-valuri f'ECU tal-prezzijiet u l-ammonti kkonċernati fejn m'humiex ta' applikazzjoni perjodika, u fejn huma applikabbli mill-inqas minn:

- l-1 ta' Jannar 1996 dwar l-ammonti li ma jirrigwardawx sena ta' negozju,
- il-bidu tas-sena ta' negozju ta' l-1996 fil-każ tal-prezzijiet jew l-ammonti li għalihom dik is-sena ta' negozju tibda f'Jannar ta' l-1996,
- il-bidu tas-sena ta' negozju ta' l-1995/96 fil-każijiet l-oħrajn,

li jidhru f'regolamenti li daħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Frar 1995; billi r-regolamenti kkonċernati għandhom għalhekk ikunu emendati;

Billi fl-interessi ta' ċarezza l-valuri l-ġodda f'ECU dwar ir-rati ta' għajnnuna u/jew garanziji rikjesti taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1323/90⁽⁵⁾, kif emendat ta' l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 363/93⁽⁶⁾, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3447/90⁽⁷⁾, kif emendat ta' l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 879/95⁽⁸⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 510/93⁽⁹⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1123/93⁽¹⁰⁾, għandhom jitqarrbu għall-iżjed numru sħiħ viċin,

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-laħam tan-Nagħaġ u l-laħam tal-Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Bħala konsegwenza ta' l-aġġustament ta' ċerti prezzijiet u ammonti f'ECU fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż li ġew fis-seħħ mill-1 ta' Frar 1995, skond l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92 u ta' l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93, l-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 2 għandhom ikunu emendati kif preskritt hemmhekk.

Artikolu 2

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 1323/90 huwa modifikat kif ġej:
 - fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1, "ECU 5,5" huwa mibdul b'"ECU 6,641",
 - fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1, "ECU 3,8" huwa mibdul b'"ECU 4,589",
 - fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1, "ECU 3,8" huwa mibdul b'"ECU 4,589".
2. Ir-Regolament (KEE) Nru 3447/90 huwa modifikat kif ġej:
 - fl-Artikolu 2(2), "ECU 1,2" huwa mibdul b'"ECU 1,45",
 - fl-Artikolu 4, "ECU 120" huwa mibdul b'"ECU 145".

⁽¹⁾ ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 22, tal-31.1.1995, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.⁽⁴⁾ ĠU L 299, tat-12.12.1995, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 132, tat-23.5.1990, p. 17.⁽⁶⁾ ĠU L 42, tad-19.2.1993, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 333, tat-30.11.1990, p. 46.⁽⁸⁾ ĠU L 91, tat-22.4.1995, p. 2.⁽⁹⁾ ĠU L 55, tas-6.3.1993, p. 35.⁽¹⁰⁾ ĠU L 114, tat-8.5.1993, p. 16.

3. Ir-Regolament (KEE) Nru 510/93 huwa modifikat kif ġej:
- fl-Anness, parti 1, l-ammont ta' "ECU 380" huwa mibdul bl-ammont ta' "ECU 459" u l-ammont ta' "ECU 110" bl-ammont ta' "ECU 133",
 - fl-Anness, parti 2, l-ammont ta' "ECU 380" huwa mibdul darbtejn bl-ammont ta' "ECU 459" u l-ammont ta' "ECU 110" darbtejn bl-ammont ta' "ECU 133".
4. Ir-Regolament (KEE) Nru 1123/93 huwa modifikat kif ġej:
- fl-Anness, l-ammont ta' "ECU 440" huwa mibdul bl-ammont ta' "ECU 531" u l-ammont ta' "ECU 170" bl-ammont ta' "ECU 205".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol jseħħ fis-seba' ġurnata wara il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 2(1) għandu japplika għal kull ammont in kwistjoni, mid-data li fiha r-rata ta' konverżjoni ta' l-agrikoltura ffissata fil-jew wara l-1 ta' Frar 1995 hijaa l-ewwel applikata.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni
